MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 546/2009

WE Advertise Limited (C 31536).

Vs

Kurt Galea Pace (Id. 243667M) ezercenti l-kummerc f'isem Horizon Projects.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tlett elef, mitejn u tmienja u disghin Ewro u disa u tletin centezmu (€3,298.39) minghand il-konvenut, rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' reklami mxandra waqt diversi programmi televizivi fuq l-istazzjon pubbliku TVM. Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' April 2009 u bl-imghax legali mid-data tal-fattura mahruga fit-30 ta' Gunju 2008, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef, mitejn u tmienja u disghin Ewro u disa u tletin centezmu (€3,298.39), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------